# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 29/K9/21**

Data tal-laqgħa: 25 ta' Frar 2021

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg - Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Rita Dimech Portelli - Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (2)**

Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku (Inc. 18545/21);
Patricia Camilleri – Kunsilliera (Inc. 18514/21);

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

29.1.01 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula u l-Kunsilliera Patricia Camilleri talbu li jkunu skużati għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**29.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

29.2.01 Is-Segretarju ressaq il-Minuti 28/K9/2021 għall-approvazzjoni.

29.2.02 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt dwar artiklu 28.9.01.02 fejn hu kien skużat u mhux il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul.

29.2.03 Iċ-Ċermen talab li ssir korrezzjoni dwar artiklu numru 28.3.02 dwar ir-restawr min-naħa tal-MTA dwar il-monument filwaqt li talab ukoll li ssir korrezzjoni dwar artiklu 28.3.03 fir-rigward Triq il-Karmnu fejn kellna niċċekjaw it-tunellaġġ.

29.2.04 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab il-korrezzjoni kif ġej fir-rigward artiklu numru 27.2.04 fejn jinqara hekk: Saret diskussjoni dwar proposta mill-Kunsillier Adrin Domenic Ellul biex medda ta' art li tinsab biswit fi Triq ta' Ġiorni f' Ta' Ġiorni tinbidel fi ġnien kif ukoll teatru grieg. Saru diversi interventi minn kunsilliera oħra u kien hemm qbil li nfasslu *planning concept,* u din tintbagħat lill-Ambjent Malta.

29.2.05 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni ta' Minuti 28/K9/2021.

29.2.06 Il-Kunsillier Guido Dalli ssekondaha.

29.2.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

29.2.08 Il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt dwar, dwar il-monument tal-Pritz, huwa ġie nfurmat li kienet ser tintbagħat ittra bl-Avukat lill-kuntrattur li suppost kellu jagħmel ix-xogħolijiet.

29.2.09 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul wasal fil-5.30p.m.

29.2.10 Il-Kunsillier Martin Sultana qajjem il-punt dwar 28.3.05, huwa staqsa jekk il-garanzija bankarja saritx dwar l-ATM f' Ta' Ġiorni. Huwa gie nfurmat li din saret.

29.2.11 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul qajjem il-punt dwar 28.7.01, staqsa jekk intbagħatitx l-ittra lill-Ambjent Malta. Huwa ġie nfurmat li ntbagħatet.

29.2.12 Iċ-Ċermen tkellem dwar il-laqgħa li kellu mal-Ministru l-Onor. Silvio Schembri huwa spjega li kien hemm diskussjonijet dwar id-devoluzzjoni ta' Palazzo Spinola.

29.2.13 Iċ-Ċermen tkellem dwar Triq Diodorus Siculus fejn spjega li x-xogħol miexi. Dwar il-bankina tan-naħa ta' ġewwa huwa kien ser jibagħat ittra lir-residenti fejn ser ikunu qed jingħataw ħames t'ijiem ċans biex jirrisponduna.

29.2.14 Is-Segretarju reġa ressaq l-iskema għall-għajnuna għall-attivitajiet kulturali tar-Reġjun Ċentru minħabba li kienet għadha pendenti, iċ-Ċermen ħadha f'idejh.

29.2.15 Is-Segetarju qajjem il-punt dwar l-bye law tar-reklami fuq għamara tat-toroq. Huwa spjega li jekk l-ammont huwiex ha jibqa' ta' €200 għal kull faccata. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-byelaw hija ċara u qed titkellem €200 kull faċċata.

29.2.16 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt li ħdejn iċ-City of London fejn tpoġġew xi planters faċċata tan-Nola Café u qed jostakolaw it-traffiku. Qbilna li niktbu ittra biex jneħħuhom.

**29.3 Rendikont Finanzjarju;**

**29.3.01** Is-Segretarju ressaq ir-rapport finanzjarju fil-preżenza ta' l-accountant Daniel Galea fejn ta spjegazzjoni tar-rapport u rrisponda għad-domandi tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni, r-rapport ġie approvat kif preżentat wara li saret proposta mill-Kunsillier Guido Dalli u ssekondat miċ-Ċermen Dott. Albert Buttigieg.

**29.4 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

29.12.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 23 ta' Marzu 2021 fil-5.00p.m.

29.12.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

**IFFIRMATI,**

| | |
|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg**<br>**Ċermen** | **Paul Spiteri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 23 ta' Marzu 2021